MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 67/2010/1

**Alfred Degiorgio, Jason Calleja, Darren Debono u George Degiorgio**

**v.**

**Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, George Degiorgio u Darren Debono minn

sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' April 2012 li permezz tagħha ddikjarat li ma rriżultax li seħħet jew ser isseħħ xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pero` għar-rigward tal-awtorizazzjoni mogħtija mill-Maġistrat Inkwerenti li fit-teħid tal-kampjuni għall-finijiet tad-DNA tar-rikorrenti tista' tintuża mill-pulizija forza moderata il-Qorti ordnat li l-Maġistrat Inkwerenti għandu jinnomina persuna ta' fiduċja tiegħu li għandha tkun preżenti kull meta jkunu ser jittieħdu l-kampjuni u għandha tassigura li l-forza li tintuża mill-Pulizija ma tmurx oltre l-limiti li trid il-liġi u oltre dak li hu strettament u raġjonevolment neċessarju. Tali persuna nominata għandha jkollha l-fakulta` li twaqqaf it-teħid tal-kampjuni u f'tali każ tirrapporta lura lill-Maġistrat Inkwerenti li sussegwentement jagħti kull ordni neċessarja, bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

**Rikors promotorju tar-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, George Degiorgio u Darren Debono**

**2.** Bir-rikors tagħhom tal-11 ta' Novembru 2010 ir-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, George Degiorgio u Darren Debono għar-raġunijiet mogħtija fir-rikors tagħhom talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti

"(1) li jigi dikjarat li ghab-bazi tal-fatti kif fuq pretiz u kif jigu ppruvati fil-mori tal-proceduri sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, jew ta' uhud mir-rikorrenti, kif protetti fl-artikoli 36, 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u (2) li jigi ordnat li l awtorizazzjoni moghtija mill-Magistrat Inkwirenti ghat-tehid ta' testijiet ghal skop ta' DNA testing ma ghandiex tigi esegwita, (3) li jigi likwidat kumpens ghal tali vjolazzjoni u (4) li jinghataw dawk ir-rimedji xierqa u adegwati kif jidhrilha l- Qorti."

:

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrent huma kif ġej:

"Illi r-rikorrenti gew imsejjha permezz ta' tahrika sabiex jidhru quddiem il-Magistrat fl-atti tal-inkjesta rigward "hold up" li sehh fuq cash van tal-kumpanija City Security li

sehh gewwa Triq il-Mithna, Qormi nhar it-23 ta' Awissu 2006 u dan permezz ta' tahrika li kienet tindika biss li huma kienu qedghin jigu msejjha fl-imsemmija inkjesta "ghat-tehid tad-DNA.".

"Illi huma dehru fit-23 ta' Settembru 2010 quddiem il-Magistrat li qed imexxi l-inkjesta fejn kienu prezenti ukoll xi ufficjali tal-Pulizija.

"Illi matul din is-seduta ma sarulhom l-ebda domandi hlief li intlabu jissottemettu ruhhom ghal testijiet tad-DNA billi jittiehdilhom "*saliva swab*."

"Illi huma ma tawx il-kunsens taghhom ghal tali test u konsegwentament il-magistrat inkwirenti ordna l-arrest taghhom fl-istess seduta sabiex jittiehdulhom it-testijiet.

"Illi pero' f'dik is-seduta l-arrest ordnat ma giex ezegwiet u ma ttiehdilhom l-ebda *swab*.

"Illi sussegwentement f'data ohra, filwaqt li uhud gew migbura mill-pulizija, arrestati u ittiehdu il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gew interrogati, uhud ohrajn mirrikorrent ma kienux ghadhom gew arrestati u interrogati qabel ma saret it-tieni seduta quddiem il-Magistrat ta' linkjesta.

"Illi dawk mir-rikorrenti li kienu gew arrestati qabel isseduta tal-14 ta' Ottubru 2010 ittiehdu mill-Kwartieri Generali quddiem il-Magistrat inkwirenti fejn kellha tigi ezegwita l-awtorizzazzjoni tal-magistrat inkwirenti sabiex jittiehdulhom is-i*swabs* u dan minghajr il-kunsens taghhom, filwaqt li ohrajn mir-rikorrenti gew arrestati biss hin qasir qabel is-seduta.

"Illi ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrenti regghu ittiehdu quddiem il-Magistrat sabiex jittiehdulhom tali *swabs* fis-sigrieta tal-Magistrat minn espert, b'dan illi filwaqt li Jason Calleja kien arrestat mill-gurnata ta' qabel u ttiehed quddiem il Magistrat b'arrest, Alfred Degiorgio inzerta kien il-Qorti ghal xi procedura ohra u gie arrestat hemmhekk u ittiehed quddiem il-Magistrat.

“Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal tali agir kif awtorizzat u gew rilaxxati.

“Illi huma regghu ircevew tahrika sabiex jidhru fl-inkjesta fuq indikata u dan ghal nhar il-hamis 11 ta’ Novembru 2010.

“Illi fil-konfront taghhom hemm awtorizazzjoni moghtija mill-Magistrat inkwirenti sabiex, minkejja n-nuqqas ta’ kunsens tar-rikorrenti, l-espert xorta wahda jihdilhom tali *swabs*.

“Illi r-rikorrenti jafu biss li huma qeghdin jigu msejha jippartecipaw f’tali inkjesta izda qatt ma gew infurmati li hemm xi suspett ragonevoli fil-konfront taghhom li huma kienu partecipi fir-reat investigat.

“Illi fil-konfront tar-rikorrenti qatt ma nhareg att ta’ akkuza u qabel l-ordni ta’ arrest li saret mill-Magistrat inkwirenti qatt ma kienu arrestati in konnessjoni mar-reat investigat.

“Illi tali ordni ta’ arrest inharget mill-magistrat inkwirenti bhala konsegwenza tan-nuqqas ta’ kunsens da parti tarrikorrenti ghat-tehid tal-imsemmija testijiet u sabiex dawn it-testijiet ikunu jistghu isiru bil-forza.”

**4.** Ir-raġunijiet miġjuba fir-rikors promotorju u li minħabba fihom jilmentaw ir-rikorrenti li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom huma li ġejjin.
“Illi t-tehid ta’ *swabs* sabiex isiru testijiet ta’ DNA kontra l-volonta tar-rikorrenti tmur kontra d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea billi tali tehid jolqot il-prezunzjoni tal-innocenza, id-dritt li persuna ma tigix pretiza li tinkrimina lilha nnifisha, li persuna tkun sottomessa ghal arrest biss ghab-bazi ta’ suspett ragonevoli, li jkun rispettat id-dinjita` tal-persuna u ma tigix sottomessa ghal trattament degradanti, u li jigi rispettat id-dritt ghal privatezza talpersuna.

"Illi ghalhekk is-sottomissjoni tar-rikorrenti ghal tali testijiet fil-pendenza ta' inkjesta meta r-rikorrenti ma kienux infurmati li hemm suspett ragonevoli fil-konfront taghhom u ma inghatax lilhom l-informazzjoni mehtiega sabiex turi li fil-konfront taghhom hemm tali suspett jammonta ghal vjolazzjoni ta l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi jammonta ghal arrest arbitrjaru u li ma huwiex gustifikat b'ebda wahda mill-limiti ghal dan id-dritt kif inkluzi fl-istess artikoli.

"Illi in oltre it-tehid ta' tali testijiet kontra l-volonta tarrikorrenti iggieghel lir-rikorrenti jaghtu xhieda u informazzjoni kontra r-rieda taghhom u b'hekk igghielhom jaghtu informazzjoni li tista' twassal ghall-inkriminazzjoni taghhom stess li tmur kontra mhux biss id-dritt li wiehed ma jinkriminax lilu nnifsu u d-dritt tas-silenzju izda hija ukoll marbuta mal-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza u dan kontra l-artikolu 34 tal-Konstituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi f'investigazzjoni dwar reat huma qeghdin jigu mgaghla jiffornixxu informazzjoni li tista' twassal ghall-inkriminazzjoni taghhom stess kontra l-principju tad-dritt tas-silenzju u in oltre ukoll kontra l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi tali informazzjoni tippregudika lprezunzjoni tal-innocenza f'kaz li huma jigu akkuzati bir-reat investigat.

"Illi in oltre c-cirkostanzi f'liema huwa pretiz li jittiehdu tali testijiet jammontaw ghal vjolazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta l-Att u dan mhux biss mic-cirkostanzi u x-xenarju f'iema tali testijiet gew awtorizzati li jittiehdu, izda wkoll meta mehud in konsiderazzjoni l-isfond tal-esperjenzi li diga ghaddew minnhom r-rikorrenti ma' ufficjali tal-korp tal-Pulizija.

"Illi in oltre it-tehid ta' tali testijiet iwassal ghal informazzjoni privata appartenenti lir-rikorrenti u t-tehid ta' tali informazzjoni privata bil-forza tammonta ghal

vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvezjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta."

**Ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**

**5.** Fir-risposta tagħhom tal-25 ta' Novembru 2010 l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija talbu lill-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tagħhom u dan sostanzjalment għar-raġunijiet segwenti:

a) in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirritjenu li l-ebda ksru ta' dan id-dritt peress li tal-Artikolu 6 u lanqas l-Artikolu 39 m'huma applikabbli għall proċedura ta' inkjesta, u r-rikors tar-rikorrenti jitkellem biss fuq proċeduri t'inkjesta li fihom ħadd ma hu akkużat ta' rejat kriminali u fihom ma hemm ebda determinazzjoni ta' xi akkuża kriminali;

b) rigward l-allegazzjoni li r-rikorrenti kienu miżmuma arbitrarjament bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni isostnu li m'hemm ebda ksur ta' dawn id-drittijiet stante li ċ-ċirkustanzi tal-każ jinkwadraw ruħhom fl-eċċezzjonijiet ta' dawn id-drittijiet u ċioe fis-subartikli (d)(e) u (f) tal-Artikolu 34, u fis-subartikoli (b) u (c) tal-Artikolu 5.

c) rigward l-allegat trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jirritjenu li r-rikorrenti jagħtu interpretazzjoni farseska ta' dawn id-drittijiet fundamentali intiżi biex jipproteġu lill-bniedem f'ċirkostanzi ferm serji, tenut kont ukoll li r-rikorrenti huma lkoll midħla sew tas-sistema ġudizzjarja f'sede kriminali.

d) rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li sofrew ksur tad-dritt tal-ħajja privata tagħhom jirritjenu li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jinkwadrawx fl-ambitu ta' dan id-dritt peress li l-ebda awtorita` ma ndaħħlitilhom fil-ħajja privata tagħhom u li f'kull każ imma, l-arrest tagħhom seħħ biex ikunu mħarsa s-sigurta` pubblika u biex ikun evitat għemil ta' delitti;

e) r-rikorrenti m'humiex qed jattakkaw il-liġi li a bażi tagħha l-Maġistrat li kien qed imexxi l-inkjesta aġixxa u li għalhekk issa ma jistgħux jilmentaw li l-aġir tal-

Maġistrat, li hu skont il-liġi, jiksrilhom id-drittijiet fundamentali tagħhom.

**Is-sentenza appellata.**

**6.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u r-risposti tal-intimati, rriproduċiet b'mod estensiv il-fatti sostanzjali tal-każ u għamlet diversi konsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali u fl-astratt, mhux dejjem kondiviżibbli minn din il-Qorti, li aktar jirriflettu dak li l-istitut tal-inkjesta *in genere* mgħandux ikun milli dak li hu, l-ewwel Qorti iddeċidiet il-kawża kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin in kwantu rilevanti għall-appell odjern:

"**Trattament inuman u degradanti**

"Ir-rikorrenti jissottomettu li l-fatti mertu tal-presenti proceduri jikkostitwixxu trattament inuman u degradanti fil-konfront taghhom. Kif gia gie rilevat ir-rikorrenti skorrettement jsostnu li gew assoggettati ghal trattament inuman kif ukoll kienu ser jigu assoggettati ghal tali trattament. L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti." M'hemm xejn li jista jindika li tali lezjoni sehhet meta gie ordnat li l-kampjuni tas-*saliva* taghhom jistghu ukoll jittiehdu bil-forza purche' tittiehed kull prekawzjoni sabiex jigu assigurat li l-grad tal-forza li ser tintuza u li trid il-ligi ma tigix oltrepassata u kwindi ghandhom jittiehdu dawk il-prekawzjonijiet li gia ssemmew iktar il-fuq.

"Ir-rikorrenti jsostnu ukoll li huma kellhom jigu informati b'certi cirkostanzi, li frankament il-Pulizija li qed jinvestigaw mhux obbligati u m'ghndhomx ghalfejn jarfu lir-rikorrenti bihom. Ir-rikorrenti m'ghandhomx ghalfejnn jigu mgharrfa li huma kienu, in efett, suspettati li kkommettew ir-reat li kien il-mertu tal-inkjesta. Jista jkun li r-rikorrenti qabel ma ssejjhu biex jidhru f'din l-inkjesta qatt ma kienu gew avvicinati mill-Pulizija dwar ir-reat in kwestjoni. Dan il-fatt pero' ma ghandu ebda effett ghar-

[1] Ara par. 1 *supra*

rigward tad-dritt fundamentali in kwestjoni. Ma jesisti ebda obbligu li jinkombi fuq il-Pulizija li tinforma lil min hu indizzjat x'inhuma effettivamemt l-indizji li hemm kontra tieghu. L-uniku dritt li ghandhom ir-rikorrenti f'dan ir-rigward hu li jigu informati bir-reat li huma kienu qed jigu suispettati li kkommettew. In effett ma jidhirx li huma nghataw tali informazzjoni b'mod dirett, pero' l-istess rikorrenti setghu facilment jindunaw mic-cirkostanzi li kienu jinsabu fihom u kif kienu qed jizvolgu l-istess cirkostanzi li huma kienu qed jigu suspettati li kkomettew ir-reat li kien il-meritu tal-inkjesta. Certa informazzjoni tista tkun sensittiva u hu normali li m'ghandhiex tinghata lil min hu suspettat bir-reat.

"Inoltre ghandu jigi konsidrat, f'dan l-istadju, li potenzjalment il-kampjuni in kwestjoni jistghu jservu sabiex r-rikorrenti jew almenu xi uhud minnhom jigu effettivament eskluzi li setghu kommettew ir-reat in kwestjoni. Jigi ribadit li l-Qorti ma tikkondividix l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwerenti li setghet tintuza f'dan il-kaz il-forza necessarja sabiex jitiehdu l-kampjuni in kwestjoni. Il-forza m'ghandha tintuza qatt b'mod partikolari fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Jidher peo' li l-ligi f'certi cirkostani tippermetti l-uzu tal-forza necessarji sabiex jigi assigurat it-twettiq tal-ordnijiet tal-Qorti. Inoltre peress li jirrizulta b'mod nett li r-rikorrenti qed jirrifjutaw li jittiehdu l-kampjuni huwa zgur li ser tintuza l-forza sabiex titwettaq l-ordni tal-Magistrat. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti thoss li ghandhom jittiehdu l-prekawzjonijiet imsemmija sabiex jigu assigurati d-drittijiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward. Strettament ma jistax jinghad li f'dawn ic-cirkoastanzi hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, pero' l-Magistrat Inkwerenti ghandu, biex jassikura li d-drittijiet kollha tar-rikorrenti qed jigu salvagwardati, jghati dawk l-ordnijiet necessarji biex jigi assikurat li l-forza li ser tintuza ma toltrepassax dik il-forza li hi necessarja sabiex tigi mwettqa l-ordni tal-Magistrat Inkwerenti.

"Tali ordnijiet huma kif gia ntqal li jigi nominat persuna ta' fiducja tal-Magistrat Inkwerenti, li jista jkun avukat biex ikun presenti waqt it-tehid tal-kampjuni u jassikura li l-

forza li ser tintuza ma tmurx oltre dak li hu strettamemnt necessarju u l-persuna hekk nominata ghandha jkollha l-jedd li tissospendi t-tehid tal-kampjuni u tirrapporta lura lill-Magistrat Inkwerenti.

“**Helsien mill-Arrest**

“Ir-rikorrenti qedghin ukoll jilmentaw minn vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. L-imsemmi artikolu 34 jipprovdi li hadd m’għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu b’dan pero’ li hem certu eccezzjonijiet u cioe` persuna jista jigu privat mill-liberta` tieghu fl-esekuzzjoni ta’ ordni ta’ qorti, sabiex tinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta’ qorti, fuq suspett raġonevoli li l-persuna tkun ikkommettiet jew ser tikkommetti reat kriminali. Hemm ukoll provdut li min jigi arrestat ghandu jiġi nformat, bir-raġunijiet tal-arrest tiegħu. L-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jistipula li kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna tieghu u li hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu. L-istess artikolu jaghmel eccezzjonijiet ghal din ir-regola u cioe` fil-kazijiet ta’ arrest ghal nuqqas ta’ tharis ta’ ordni skond il-ligi ta’ qorti sabiex jigi zgurat it-twettiq ta’ xi obbligu preskritt milli ligi, l-arrest ta’ persuna effettwat sabiex dik l-istess persuna tingieb quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat. Hemm ukoll provdut li kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih bir-ragunijiet tal-arrest tieghu.

“Ir-rikorrenti jissottomettu lil-arrest taghom jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal helsien mill-arrest billi l-arrest taghhom ma kienx ibbazat fuq suspett ragonevoli u billi ma gietx segwieta l-procedura preskritta mill-ligi. In effett pero’ jirrizulta kjarament li l-arrest tar-rikorrenti jinkwadra ruhu fl-imsemmija eccezzjonijiet ghad-dritt fundamentali in kwestjoni. Hu ovvju li l-Magistrat Inkwerenti deherlu li kien hemm ragunijiet bizzejjed u suspett ragjonevoli li kien jiggustifika l-arrest. Hu ovvju li fl-istadju tal-Iinkjesta magisterjali ma hemmx ebda obligu naxxenti mill-ligi li

jinkombi fuq il-Pulizija jew fuq l-intimati li jindikaw fuq xhiex kien ibbazat is-suspett ragonevoli li kien jiggustifika l-arrest tar-rikorrenti.  Hu ghal kllox probabbli li l-Magistrat Inkwerenti gie infurmat bis-suspetti ragjonevili u konsegwntement jidher li l-istess Magistrat irrtjena li tali suspetti kienu fondati tant li ordna kemm l-arrest tar-rikorrenti kif ukoll li jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni.

“**Dritt ghal Smigh Xieraq**

“Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.  Skond ir-rikorrenti l-artikoli in kwestjoni huma applikabbli stante li hemm indikazzjonijiet li l-ufficjal investigatur ghandu suspetti ragjonevli li r-rikorrenti kienu involuti fir-reat investigat u ghal hekk qieghed jippretendi li huma jaghtu kampjun tad-DNA.  Ir-rikorrenti jissottomettu li dak kollu li sehh wara li saret l-ewwel seduta tal-inkjesta u cioe` dak li sehh fil-konfront tar-rikorrenti, hu indikattiv li skond il-Pulizija investigattiva r-rikorrenti huma hatja tar-reat li qed jigi investigat.

“Fil-fehma ta din il-Qorti m’hemmmx kwesstjoni hawnhekk ta’ applikabilita tad-dritt tas-smigh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti b’mod retrospettiv u dan ghal vjolazzjoni li tkun diga sehhet.  Il-Qorti ma tarax li hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.  L-uzu tal-prova in kwestjoni hi permissibli u hi legalment producibbli purche’ l-istess prova tkun jittiehdet b’dawk il-prekawzjonijiet kollha li ukoll trid il-ligi.  Ma hemm xejn zbaljat li ssir prova tad-DNA kontra r-rikorrenti una volta li din il-prova ser tittithed bl-ordni tal-Magistrat Inkwerenti fuq talba tal-pulizija indaganti tali prova tittiehed bil-prekawzjonijiet kollha rikjesti sabiex jigu salvagwardati il-jeddijiet tar-rikorrenti anche in vista tal-fatt li l-ordni relattiva tal-Magistrat Inkwerenti tinkludi ukoll l-awtorizzazzjoni ta’ uzu tal-forza necessarja sabiex titwettaq l-istess ordni moghtija mill-Magistrat Inkwerenti.  Hawnhekk.m’hemmx kwestjoni li r-rikorrenti ser jghatu prova mill-persuna taghhom li ser tintuza kontra tasghhom stess.  Il-prova in kwestjoni hi

prova ammissibli fil-kamp kriminali basta din tkun ittiehdet skond il-ligi.

“M’hemmx dubju li r-rikorrenti qed jigu trattati ta indizzjati u l-presunzjoni tal-innocenza taghhom skond il-ligi qed tigi salvagwardata anke jekk it-tehid tal-kampjuni ssir kif intqal iktar il-fuq u cioe` l-kampjuni jittiehdu ukoll fil-presenza ta’ avukat appositamenmt nominat biex jigi assigurat lil-forza li ser tintuza ma tmurx oltre dak li hu lecitu fic-cirkorstanzi partikolari. Inoltre l-Avukat nominat ghandu jkollu l-fakolta li jwaqqaf it-tehid tal-kampjuni u jirreferei lura lill-Magistrat li kwindi jkun jista jiehu kull decizjoni li tkun legittima u li tkun tissalvagwardja l-interessi ta’ kullhadd b’mod specjali dawk tar-rikorrenti.

“**Dritt ghal Privatezza**

“Ilment iehor tar-rikorrenti huwa li t-tehid tal-kampjun tas-*saliva* qieghed isir sabiex jigi estratt minnu informazzjoni personali u privata u dan minghajr gusitifkazzjoni, minghajr in-necessita mehtiega f’socjeta demokratika u b’mod sproporzjonat. Dawn l-ilmenti gew debitament mhehuda in konsiderazzjoni meta gew ittrattati ilmenti ohra tar-rikorrenti u kwindi ma hemmx ghalfejn li jigu ripetuti l-argumenti kollha li jichdu dawn l-ilmenti.

“**Sottomissjonijiet tal-intimati**

“Jista ukoll jigi rilevat li l-intimati fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom jissottomettu li nonostante li hemm erba (4) rikorrenti, kienu biss tnejn minnhom, cioe` Alfred Degiorgio u Jason Calleja, li jista jinghad li kienu attivi f’dawn il-proceduri, mentri t-tnejn l-ohra kienu kompletament poassivi. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-attivita` o meno fil-proceduri hi kwestjoni relattiva u kwindi ma hemm ebda relazzjoni bejn id-drittijiet tar-rikorrenti u l-attivita tieghu fil-proceduri relattivi. Rikorrenti jista jghazel li ma jixhidx fil-proceduri tieghu stess u minnfolk jista jghazel li joqod fuq dak li jghidu rikorrenti ohra u fuq provi ohra prodotti mill-istess rikorrenti. Kwindi ma hemm ebda provedimewnt li ghandu jinghata f’dan ir-rigward.

"**Rimedju**

"F'dan il-kaz ma jirrizultawx lezjonijiet tad-drittijiet fuindamentali, izda ghandhom jittiehdu certu provedimenti mill-Magistrat Inkwerenti sabiex il-forza li ser tintuza fil-konfront tar-rikorrentui ma tkunx oltre dak li hu permissibli u oltre dak li hu lecitu. Dawn il-provedimenti gew ben delineati fil-presenti sentenza."

**L-appell ta' Alfred Degiorgio, Jason Calleja, George Degiorgio u Darren Debono**

**7.** Ir-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, George Degiorgio u Darren Debono ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq msemmija tal-ewwel Qorti tat-8 ta' Mejju 2012 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata u konsegwentement tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet magħmula fir-rikors promotorju u tagħtihom dawk ir-rimedji minnhom mitluba fl-istess rikors u dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa l-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati.

**8.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. l-ewwel Qorti naqset milli tissindika l-ħruġ tal-ordnijiet mogħtija mill-Maġistrat Inkwerenti għat-teħid tal-kampjuni in kwistjoni u għall-arrest tar-rikorrenti skont id-drittijiet fundamentali tagħhom u minflok waqfet billi analizzat biss jekk dawk l-ordnijiet setgħux jingħataw mill-Maġistrat u kienux skont il-liġi mentri messha marret oltre u ssindakat jekk l-eżerċizzju tal-poteri mogħtija lill-Qorti b'liġi kienx jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali.

2. l-ewwel Qorti naqset meta ma sabitx vjolazzjoni tal-Artikoli 3, 5, u 6 tal-Konvenzjoni fil-fatt li giet awtorizzata l-uzu tal-forza fuq ir-rikorrenti sabiex jiġi ottenut kampjun ta' *saliva* minn halqhom meta s-sistema proċedurali li ntużat ma kienetx tagħti l-assigurazzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwi milquta.

3. l-ewwel Qorti naqset meta ma sabitx vjolazzjoni tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikoli korrispondenti

tal-Kosititutzzjoni meta l-poteri tal-Maġistrat Inkwirenti ntużaw sabiex tiġi awtorizzata *fishing expedition* fil-konfront ta' diversi persuni u huma ġew trattati ta' imputati mingħajr prova suffiċjenti li hemm suspett raġonevoli.

4. ir-rikorrenti ġew mċaħda mid-dritt li jiġu nfurmati dwar ir-raġunijiet tal-arrest tagħhom u dwar kull akkuża kontra tagħhom skont kif jitlob l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni meta ssejħu bħala xhieda meta fil-fatt kienu imputati.

5. l-ewwel Qorti messha sabet trattament inuman u degradanti peress li r-rikorrenti kienu qiegħdin jiġu sfurzati jagħtu kampjuni ta' *saliva* fis-sigrieta ma' ġenb l-Awla waqt is-smigħ ta' kawża ohra fl-istess Awla f'kundizzjonijiet mhux dinjitużi u mingħajr is-superviżjoni tal-Maġistrat u b'nuqqas ta' proporzjonalita` bejn in-numru ta' pulizija preżenti u n-numru ta' persuni li kellhom jagħtu l-kampun li kien jirrifletti l-entita` tal-forza li l-pulizija ħassewhom awtorizzati li jużaw.

6. dan l-aggravju huwa sotanzjalment rikapitulazzjoni tal-aggravji li prreċedewh u l-appellanti jirribadixxu li l-ewwel Qorti abdikat mill-ġurisdizzjoni tagħha li tissindika jekk kienx hemm jew le dak is-suspett raġonevoli meħtieġ għall-arrest u għat-teħid tal-kampjun ta' *saliva*.

**Ir-risposta tal-intimati appellati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija għall-appell**

**9.** Fir-risposta tagħhom tat-23 ta' Mejju 2012 l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija wieġbu għar-rikors tal-appell billi ssottomettew li għar-raġunijiet minnhom mogħtija l-appell tal-appellanti kellu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**10.** L-intimati bdew billi għamlu diversi osservazzjonijiet sabiex jirregistraw id-dissens tagħhom dwar ċerti konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u li permezz tagħhom saħqu li ma hemm ebda konfużjoni bejn ir-rwoli tal-pulizija u tal-Maġistrat Inkwirenti, li l-pulizija f'ebda stadju ma talbu

lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jużaw xi tip ta’ forza bil-għan li jittieħdu l-kampjuni tad-DNA u li għalhekk qatt ma fittxew xi tip ta’ kopertura ta’ legalita` għal xi użu ta’ forza da parti tagħhom, li meta l-Avukat Ġenerali għamel użu mid-diskrezzjoni tiegħu dwar liema partijiet mill-proċess verbal tal-inkjesta tal-Maġistrat Inkwirenti dan ma għamlux arbitrarjament iżda fl-interess li ma tiġix preġudikata l-prosegwiment tal-investigazzjoni tant li ġiet esibita d-dokumentazzjoni kollha relevanti għall-każ odjern.

**11.** L-intimati mbgħad issoktaw billi għamlu l-osservazzjonijiet li ġejjin dwar l-aggravji tal-appellanti:

1) Għar-rigward tal-ewwel aggravju isostnu li dan huwa infondat fil-fatt u fid-dritt peress li l-ewwel Qorti, wara li kkonkludiet li l-Maġistrat Inkwirenti kien mexa skont il-liġi, għaddiet biex tanalizza l-għemil tal-pulizija fid-dawl tal-ilmenti tar-rikorrenti u l-Artikoli 3, 5, 6, u 8 tal-Konvenzjoni u dawk koirrispondenti tal-Kostitutzzjoni u waslet għall-konklużjoni li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-istess artikoli anki għaliex ir-rikorrenti kienu ġew informati bir-reati li tagħhom kienu suspettati, setgħu faċilment miċ-ċirkostanzi jindunaw ta’ x’hiex kienu suspettati, u ġie rispettat id-dritt tagħhom għal preżunzjoni tal-innoċenza li ma jippreludix lill-pulizija milli jinvestigawhom fuq suspett li kkommettew reat kriminali filwaqt lil l-Maġistrat Inkwirenti kellu għad-dispożizzjoni tiegħu d-dokumenti kollha relevanti meħuda mill-proċess verbal tal-inkjesta tal-Maġistrat Inkwirenti.

2) in kwantu għat-tieni aggravju, minkejja certi riservi ta’ natura soġġettiva tal-ewwel Qorti dwar l-istitut tal-inkjesta *in genere* dik il-Qorti ma sabet xejn fil-fatti konkreti tal-każ li jivvjola d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti u minkejja dan ordnat ulterjorment it-teħid ta’ miżuri ulterjuri sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tagħhom billi ordnat li l-Maġistrat għall-finijiet tat-teħid tal-kampjun ta’ *saliva* għandu jinnomina persuna ta’ fiduċja tiegħu sabiex tkun preżenti kull meta jittieħdu l-kampjuni u sabiex tassigura li l-forza li tintuża mill-pulizija -- li kienu preżenti f’numru raġonevoli meħud qies tan-numru ta’ individwi li kellhom jipprovdu l-kampjuni

-- tkun fil-limiti permess mil-liġi; miżuri li daltronde kienu diġa ttieħdu mill-Maġistrat li addirittura nnomina mhux persuna waħda iżda tnejn, esperti tal-Qorti, għal dan il-għan u li għalhekk qatt ma kien hemm xi *mano libera* lill-pulizija f'dan ir-rigward.

3) rigward it-tielet u r-raba' aggravju, l-arrest tar-rikorrenti u l-ordnijiet tal-Magistrat Inkwirenti u l-esekuzzjoni tagħhom mill-pulizija kienu skont il-liġi ordinarja u wkoll konformi mal-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni peress li jinkwadraw fl-eċċezzjonijiet previsti fl-istess artikoli u żiedu li s-suspett raġonevoli fil-konfront ta' kull rikorrent kien jeżisti mill-bidunett u għadu jissusisti tant li l-Maġistrat Inkwirenti kien sodisfatt b'dan u ħareġ il-mandat ta' arrest relattiv u b'hekk kien hemmm il-"*lawful order*" previst mil 34(f) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 5(c) tal-Konvenzjoni. Żiedu wkoll li r-rikorrenti kienu ġew informati dwar x'hiex kienu suspettati u ċioe` dwar *hold up* li kien seħħ fit-23 ta' Awwissu 2006 fuq *cash van* f'Hal Qormi.

4) in konnessjoni mal-ħames aggravju, il-Qorti ma tista' qatt ssib xi aġir li jammonta għal trattament inuman u degradanti fid-dawl tat-tagħlim tal-Qorti Ewropeja li teskludi mill-ambitu ta' tali trattament dik is-sofferenza, angoxxia u biża inevitabbli li persuna tista' tesperjenza b'riżultat ta' trattament leġittimu kif ukoll fid-dawl tal-grad gravi ta' severita` meħtieġ sabiex trattament jista' jiġi kwalifikat bħala inuman u degradanti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

5) Dwar sitt aggravju l-intimati rreferew għas-sottomissjonijiet tagħhom preċedenti u rribadew li ma kien hemm ebda lok li l-ewwel Qorti tingħata aċċess għall-atti tal-inkjesta peress li ma kinitx l-inkjesta li kienet taħt skrutinju iżda ċ-ċirksostanzi tat-teħid tal-kampjun ta' *saliva* u għal dan il-għan l-atti kollha relevant kienu preżentati fil-proċeduri kostituzzjonali.

**Fatti tal-kawza**

**12.** Fit-23 ta' Awwissu 2006 infetħet inkjesta minn Maġistrat Inkwirenti dwar *hold up* li kien sar f'Hal Qormi fl-istess data fuq *cash van*. L-inkjesta ma wasslitx għall-identifikazzjoni tal-awtur jew awturi tar-reat minkejja li fil-kors tagħha kien inġabar profil ta' DNA minn vettura li allegatament intużat biex is-suspettati ħarbu minn fuq il-post. B'hekk l-inkjesta ingħalqet fis-6 ta' Ottubru 2008 bil-Maġistrat Inkwirenti jħeġġeġ lill-Pulizija sabiex ikomplu bl-investigazzjonijiet dwar il-każ. Fl-4 ta' Jannar 2010 u fit-30 ta' Ġunju 2010 seħħew żewġ *hold ups* oħra u eventwalment il-pulizija ddeċidew li jitolbu lill-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesta li nfetħet fit-23 ta' Awwissu 2006 dwar il-*hold up* li kien sar fuq *cash van* f'Hal Qormi biex il-profil li ġie elevat waqt l-inkjesta msemmija jiġi mqabbel mal-persuni supettati mill-pulizija in konnessjoni maż-żewġ *hold ups* ta' Jannar u Ġunju 2010. Fost il-persuni suspettati msemmija kien hemm ir-rikorrenti appellanti. Fis-27 ta Awwissu 2010 sar ir-rikors lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex dan jinkariga lill-espert serologista Christopher Farrugia sabiex jieħu *swabs* minn halq, fost oħrajn, ir-rikorrenti appellanti msemmija u sabiex isiru l-eżamijiet tad-DNA komparattivi bejn dak elevat fl-inkjesta u dak riżultanti mill-kampjuni li jittieħdu minn fuq il-persuna tar-rikorrenti appellanti.

**13.** Meta sar ir-rikors imsemmi ma jirriżultax li r-rikorrenti kienu persuni arrestati. It-talba dedotta bir-rikors tas-27 ta' Awwissu 2010 ntlaqgħet fit-2 ta' Settembru 2010. Il-Maġistrat Inkwirenti appunta seduta għat-23 ta' Settembru 2010[2] intiża għat-"teħid ta' DNA" u dan "fl-atti tal-inkjesta rigward h-u li seħħ fuq Cash Van tal-kumpanija City Sec. li seħħ ġewwa Triq il-Mitħna, Qormi, nhar it-23/8/06" sabiex fiha jkunu jistgħu jiġu elevati l-kampjuni ta' *saliva* mingħand l-appellanti[3]. Ma jirriżultax li qabel l-appuntament tas-seduta msemmija r-rikorrenti kienu persuni arrestati tant li kellhom jiġu notifikati biex jidhru għall-istess seduta[4]. Dakinhar tas-seduta, iżda, r-rikorrenti appellanti rrifjutaw li jagħtu l-kunsens tagħhom

---

[2] Ara fol. 36 tal-proċess tal-ewwel istanza

[3] Ara wkoll depozizzjonijiet ta' Jason Calleja u ta' Alfred Degiorgio, a fol. 45 u 55 rispettivament tal-proċess tal-ewwel istanza

[4] Ara depozizzjoni Spett. Joseph Mercieca fol. 32, 36 u 51 tal-proċess tal-ewwel istanza

sabiex jittieħdu l-kampjuni ta' *saliva* awtorizzati mill-Maġistrat Inkwirenti u dakinhar stess il-Maġistrat Inkwirenti awtorizza lill-uffiċjali tal-pulizija sabiex jużaw il-forza neċessarja għall-għan imsemmi u ordna l-arrest immedjat tar-rikorrenti appellanti[5]. Preżenti meta ingħata dan l-ordni, apparti l-appellanti, kien hemm żewġ uffiċjali tal-pulizija, l-espert seroloġiku Christopher Farrugia u żewġ persuni oħra suspettati. Mill-verbal tal-Maġistrat Inkwirenti jirriżulta li l-uffiċjali tal-pulizija preżenti kellhom bżonn l-assistenza ta' uffiċjali oħra tal-pulizija sabiex l-arrest ikun wieħed effettiv u għalhekk il-Maġistrat ordna r-rilaxx tal-persuni suspettati, fosthom ir-rikorrenti appellanti, u ssospenda t-teħid tal-kampjuni minn fuq l-istess persuni.

**14.** Mill-atti tal-inkjesta, li l-Qorti ingħatat aċċess għalihom fil-kors tal-proċedimenti fl-appell bl-adeżjoni tar-rikorrenti appellanti[6], jirriżulta li fil-5 ta' Ottubru 2010 sar rikors lill-Maġistrat Inkwirenti mill-Kummissarju tal-Pulizija li bih intalab fil-konfront tar-rikorrenti u żewġ persuni oħra l-ħruġ ta' mandat ta' arrest u tfittxija "ai termini tal-Artikolu 355 et. seq., tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta" u dan "sabiex il-pulizija tkun tista' tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha dwar dan il-każ u preferibilment, sabiex fil-kors ta' dan l-arrest jiġi esegwit dak li ġia` ordnat din il-Qorti, ċioe` it-teħid ta' kampjun orali". Fl-istess data tal-5 ta' Ottubru 2010 il-Maġistrat Inkwirenti ħareġ mandati ta' arrest u tfittxija kontra r-rikorrenti u ż-żewġ persuni l-oħra. Il-mandati ta' arrest in kwistjoni huma kollha identiċi għal dak li kopja tiegħu tinsab esibita a fol. 54 tal-proċess fl-ewwel istanza ħlief, naturalment, għall-konnotati tal-persuni li tagħhom kien qiegħed jiġi ordnat l-arrest.

**15.** Jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti appunta seduta għall-14 ta' Ottubru 2010 sabiex fiha jittieħdu l-kampjuni minn fuq il-persuni, fost oħrajn, tar-rikorrenti appellanti u l-Maġistrat Inkwirenti kien ordna li għas-seduta msemmija r-rikorrenti jinġiebu b'arrest[7]. Xi jum jew tnejn qabel id-data msemmija, ir-rikorrenti, għajr għar-rikorrenti Alfred

---

[5] Fol 39 tal-proċess tal-ewwel istanza
[6] Ara verbali tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2012
[7] Ara depozizzjoni Spett. Joseph Mercieca fol. 33 tal-proċess tal-ewwel istanza

Degiorgio, ġew arrestati kif ordnat mill-Maġistrat Inkwirenti u l-uffiċjal investigatur "ħa l-okkażżjoni" biex ikellimhom ukoll iżda r-rikorrenti arrestati għażlu li ma jweġbux għad-domandi li sarulhom[8]; Alfred Degiorgio ġie arrestat dakinhar stess tas-seduta[9].

**16.** Għas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 kienu preżenti l-istess persuni li kienu prezenti fis-seduta preċedenti, fosthom ir-rikorrenti appellanti. Il-persuni suspettati kienu sitta fin-numru, fosthom l-erba' rikorrenti appellanti, Kien hemm preżenti wkoll ħames kuntistabbli bħala skorta waqt li wieħed mill-uffiċjali tal-pulizija kien ukoll jagħmilha ta' skorta ma' wieħed mis-suspettati[10]. Jidher li kien preżenti wkoll l-Ispettur Anthony Agius[11] u b'hekk in-numru ta' pulizija preżenti bil-għan li jittieħdu l-kampjuni jirriżulta li kien ta' sebgħa, ħames kuntistabbli u żewġ uffiċjali. Il-persuni suspettati, fosthom ir-rikorrenti appellanti, għal darb' oħra rrifjutaw li jagħtu l-kampjuni kif ordnat mill-Maġistrat Inkwirenti li nkariga lill-espert Chris Farrugia għall-għan imsemmi u għalhekk l-istess Maġistrat awtorizza lill-Pulizija sabiex jużaw il-forza neċessarja għall-istess għan, ordna l-arrest immedjat tal-istess suspettati u nnomina lit-tabib Dr. Mario Scerri sabiex jassisti lill-espert tal-Qorti Chris Farrugia biex jiġu elevati l-kampjuni msemmija.

**17.** F'dan l-istadju deher il-konsulent legali ta' wħud mis-suspettati (ma jirriżultax ċar għal min kienet qed titkellem[12]) li sostniet li l-ordni tal-arrest u l-awtorizazzjoni tal-użu tal-forza sabiex jittieħdu l-kampjuni in kwistjoni kien leżiv tad-drittijiet kostituzzjonali tal-patroċinati tagħha peress li minn imkien fil-liġi ma kienet toħroġ din l-awtorizzazzjoni u li għalhekk il-forza li kienet ser tintuża kienet tmur kontra l-liġi. Il-Maġistrat ħa nota ta' dak sottomess u ordna li l-persuni suspettati kellhom jibqgħu arrestati u li kellha tintuża l-forza neċessarja sabiex jiġu elevati l-kampjuni msemmija. Hawnhekk Dr. Mario Scerri

[8] ibid
[9] Ibid; ara wkoll affidavit Alfred Degiogio fol. 56 tal-proċess tal-ewwel istanza
[10] Depożizzjoni Spettur Joseph Mercieca fol. 32-34 tal-proċess tal-ewwel istanza
[11] Fol 40 tal-proċess fl-ewwel istanza
[12] *ibid*

nforma l-Qorti li kien qiegħed jissejjaħ biex jixhed f'diversi Awli tal-Qorti u li għalhekk ma setax ikun preżenti biex jassisti lill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti u għahekk l-istess Maġistrat ghal darb'oħra ordna r-rilaxx tal-persuni suspettati u reġa' ssospenda t-teħid tal-kampjuni tad-DNA.

**18.** Fil-11 ta' Novembru 2010 jirriżulta li nżammet l-aħħar seduta għall-fini li jittieħdu l-kampjuni msemmija li għaliha reġgħu kienu preżenti l-istess persuni li kienu preżenti fis-seduti preċedenti, fosthom ir-rikorrenti appellanti u l-esperti tal-Qorti Chris Farrugia u t-tabib Dr. Mario Scerri. Preżenti wkoll kien hemm is-Supretendent Silvio Valletta[13]. Dehru wkoll il-konsultenti legali li nformaw lill-Maġistrat Inkwirenti li s-sitt suspettati kienu ntavolaw rikors kostituzzjonali dwar ir-rifjut tagħhom li jittieħed il-kampjun tad-DNA u għalhekk il-Maġistrat Inkwirenti ssospenda it-teħid tal-kampjuni pendenti l-eżitu tar-rikors kostituzzjonali.

**19.** Fir-realta` jirriżulta li huma biss erbgħa mis-sitt suspettati, u ċioe` r-rikorrenti appellanti, li ntavolaw ir-rikors kostituzzjonali odjern. Ir-rikorrenti appellanti Jason Calleja u Alfred Degiorgio kienu ġew interrogati għall-ewwel darba mill-pulizija f'Ottubru 2010 iżda ma wieġbu għal ebda domanda li saritilhom.

## <u>Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti</u>

### *Nuqqas ta' sindakar tal-ewwel Qorti mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali*

**20.** Fl-ewwel aggravju tagħhom ir-rikorrenti jallegaw li l-ewwel Qorti naqset milli tissindika l-ordnijiet tal-ewwel Qorti skont id-drittijiet fundamentali u llimitat l-analiżi tagħha unikament għal indaġini dwar il-legalita` tal-istess ordnijiet.

**21.** Eżami akkurat tas-setenza appellata jiżvela li dan l-aggravju huwa għal kollox infondat u din il-Qorti ma hix

[13] Depozizzjoni Silvio Valletta, fol. 63

tal-fehma li jeħtiġilha tiddilunga wisq fuq dan l-aggravju. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ddeliberat fid-dettal u fit-tul dwar il-legalita` tal-ordnijiet tal-Maġistrat għat-teħid tal-kampjuni u għall-arrest tar-rikorrenti iżda dan kien jinkombi fuqha li tagħmlu proprju minħabba li l-ewwel rekwiżit essenzjali sabiex tiġi stabbilita` jekk ġewx vjolati d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti hi l-legalita` o meno ta' dawk l-ordnijiet. Minn qari, anki superfiċjali, tas-sentenza appellata, iżda, huwa evidenti li l-ewwel Qorti estendiet ukoll l-eżami tagħha għall-parametri legali l-oħra tad-diversi artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni u sabet li l-għemil li minnu jilmentaw ir-rikorrenti kien jirrispetta dawk il-parametri u għalhekk ma sabet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti. Dak li jkun jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' xi wħud mill-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti jew addirittura ma jaqbel magħhom xejn iżda ma hemmx dubbju li l-ewwel Qorti estendiet id-deliberazzjonijiet tagħha wkoll għall-aspetti Konvenzjonali u Kostituzzjonali tal-ilmenti tar-rikorrenti.

**22.** Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud**.**

**23.** Illi l-aggravji l-oħra tar-rikorrenti appellanti ma humiex ser jiġu konsiderati wieħed wieħed hekk kif miġjuba fir-rikors tal-appell kemm għaliex dawn jirkbu wieħed fuq l-ieħor u ta' spiss nġiebu 'l quddiem għar-rigward ta' aktar minn artikolu wieħed tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni mhux bl-aktar mod sistematiku u anzi pjuttosta b'mod diżordinat iżda ser jinżammu quddiem il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-mertu ta' kull artikolu invokat mir-rikorrenti.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni***

*Preliminari*

**24.** Il-Qorti tirrileva qabel xejn li fit-talba finali fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ma saret ebda talba sabiex tiġi dikjarata vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni għalkemm saret talba sabiex tiġi dikjarata vjolazzjoni tal-

Artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, u ċioe` l-Artikolu 36, apparti l-artikoli l-oħra invokati u ċioe` l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni u 34 u 39 tal-Kostituzzjoni. B'danakollu, fil-premessi tar-rikors promotorju ġie allegat li ċ-ċirkostanzi li fihom ser jittieħdu t-testijiet jammontaw ukoll għal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u l-kawża ġiet trattata u deċiża fl-ewwel istanza, kif ukoll ġiet trattata quddiem din il-Qorti, bħallikieku fir-rikors promotorju kien hemm talba sabiex tiġi dikjarata vjolazzjoni tal-Artikolu 3 imsemmi u għalhekk din il-Qorti hi wkoll ser tipproċedi bl-istess mod.

*Prinċipji*

**25.** L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw minn tipi differenti ta' mġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wieħed ikbar mill-ieħor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi it-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament dejjem u f'kull każ tammonta tal-anqas għal trattament inuman u degradanti[14].

**26.** Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jeħtieġ li dak it-trattament jilħaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tiegħu huwa neċessarjament wieħed relattiv li jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ bħan-natura tat-trattament, il-kuntest tiegħu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fiżiċi u morali, u f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta`, u stat ta' saħħa tal-vittma[15]. B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 msemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma' xi forma partikolari ta' trattament leġittimu jew piena[16]. Miżuri li

[14] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights: 4th ed., van Dijk, van Hoof, van Rijn and Leo Zwaak eds.,p.406
[15] ECHR Raninen v Finland, 16 Diċembru 1997, #55
[16] Ara e.g. ECHR Kudla v Poland, 26 Ottubru 2000, #92 u sentenzi hemm ċitati

jneħħu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bħal dawk imsemmija iżda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzżjoni ta' miżura leġittima ma għandhiex tassoġġetta lill-persuna għal tbatija ta' intensita` tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-miżura[17].

**27.** Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaġuna lill-persuna sofferenza fiżika jew psikika intensa anki jekk mingħajr ma jikkaġuna xi feriti jew offiżi fuq il-ġisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Dak li imbgħad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tiġi inflitta fit-tortura karatterizzata b'għemil deliberat li jikkaġuna sofferenza mill-aktar serja u kiefra[18]. Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza kkaġunata element ieħor li ġie identifikat bħala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tiġi inflitta bil-għan li jintlaħaq għan preċiż bħal li tiġi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi ħadd[19].

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

**28.** Il-Qorti hi tal-fehma li l-għemil li minnu jilmentaw ir-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri ta' ebda wieħed mill-għemil elenkat fl-Artikolu 3 u f'ebda wieħed mill-għemil elenkati fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Ma ġiex pruvat li t-teħid ta' kampjuni ta' *saliva* minn ħalq ir-rikorrenti b'xi mod fih innifsu jikkaġuna dak il-grad ta' sofferenza jew kefrija li jibda biex javviċina l-grad meħtieġ biex jikkwalifika bħala trattament inuman u wisq anqas bħala tortura. Anqas ma ġie pruvat li t-teħid ta' kampjuni ta' *saliva* joħloq f'dak li jkun xi sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljawh u jiddenigrawh jew li jekk joħloq tali sentimenti

[17] *Ibid*, # 93-94
[18] ECHR Ireland v UK, 18 Jannar 1978, #167
[19] ECHR Salman v Turkey, 27 Ġunju 2000, #114

dawn ser imorru oltre dawk il-livelli inevitabbli sabiex jittieħdu l-kampjuni msemmija.

**29.** Fil-fattispeċi partikolari ta' dan il-każ, imbgħad, tenut kont tal-fatt li l-kawża ġiet intavolata qabel ma fil-fatt il-miżura impunjata ġiet implimentata, anqas hi din il-Qorti f'pożizzjoni li tapprezza fil-konkret jekk il-modalita` ta' esekuzzjoni tal-miżura msemmija eċċedietx dak strettament neċessarju għall-esekuzzjoni tagħha. L-aktar ċirkostanza li ssemmiet mir-rikorrenti sabiex juru l-allegata umiljazzjoni fit-trattament li kienu jantiċipaw li ser jingħataw sabiex jiġu obbligati jipprovdu l-kampjun awtorizzat mill-Qorti kienet in-numru kbir ta' pulizija li kienu ordnati jakkompanjaw lill-persuni li kellhom jipprovdu l-kampjun tant li r-rikorrenti jgħidu li l-Awla kienet "invażata" bil-pulizija li n-numru tagħhom kien sproporzjonat. Dak li jirriżulta, iżda, huwa li kull wieħed mill-persuni suspettati kellu kuntistabbli bħala skorta, apparti l-uffiċjali prosekuturi li kienu risponsabbli mill-prosekuzzjoni. Il-kampjun kien, inoltre, ser jittieħed fil-privatezza tas-sigrieta tal-Maġistrat bl-assistenza ta' żewġ esperti mediċi tal-Qorti, wieħed analista u l-ieħor speċjalista fil-mediċina forensika. Ir-rikorrenti jsostnu li l-isproporzjon (li ma rriżultax) tan-numru ta' pulizija preżenti kien jirrifletti l-grad ta' forza li kienet ser tintuża fil-konfront tagħhom, iżda din hi biss konġettura sempliċistika li ma hix fondata fil-provi.

**30.** Din il-Qorti, għalhekk, ma tirraviża ebda vjolazzjoni tal-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni***

**31.** Ir-rikorrenti jallegaw ukoll vjolazzjoni tal-Artikoli 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni.

*Prinċipji*

**32.** L-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni huwa intiż sabiex iħares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Sabiex id-

detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont l-Artikolu 5 dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-Artikolu 5 u ċioe` li jħares lill-individwu mill-arbitrarjeta`[20]. L-artikolu msemmi fih lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-liberta` ta' xi persuna. L-applikabilita` ta' xi paragrafu tal-istess artikolu ma jeskludix l-applikabilita` ta' xi paragrafu ieħor tal-istess artikolu u d-detenzjoni tista' tkun ġustifikata taħt aktar minn paragrafu wieħed ta' dak l-artikolu [21].

**33.** Ordni ta' detenzjoni magħmul b'ordni ta' Qorti huwa fil-prinċipju wieħed legali[22]. B'danakollu n-nuqqas ta' arbitrarjeta` jiddetta wkoll li jrid jinżamm bilanċ bejn l-għan persegwit bid-detenzjoni u l-importanza tad-dritt għal-liberta`[23].

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

**34.** Għandu qabel xejn jingħad li fil-kors tal-proċedimenti f'dan il-istadju din il-Qorti ingħatat aċċess għall-atti tal-inkjesta rigward il-*hold up* fuq van tas-City Security fi Triq is-Sebħ Ħal Qormi nhar it-23 ta' Awwissu 2006 u dan bl-adeżjoni tar-rikorrenti appellanti[24].

**35.** Fil-fattispeċi tal-każ odjern ir-raġunijiet li taw lok għall-arrest tar-rikorrenti kienu differenti fi-stadji differenti ta' kif ġraw il-fatti.

*1) Arrest ordnat fit-23 ta' Settembru 2010*

**36.** L-arrest oriġinali skatta minn talba li l-uffiċjal investigattiv għamel lill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta msemmija b'rikors tas-27 ta' Awwissu 2010 u li bih talab li jiġi estiż l-inkargu tal-espert serologista nominat fil-kors tal-istess inkjesta sabiex dan jieħu kampjuni minn ħalq ir-

---

[20] Q. Kost. Mugliett v Avukat Ġenerali, 28 Settembru 2012,#30; ECHR Benham v UK, 10 Ġunju 1996, #40. Gatt v Malta, 27 Lulju 2010,

[21] Ara Q. Kost. Mugliett v Avukat Ġenerali, *ibid*., #29; ECHR Eriksen v Norway, 27 Mejju 1997, #76; Enhorn v Sweden, 25 Jannar 2005, #34; Gatt v Malta, *ibid*, #35

[22] Ara Q. Kost. Edmond Espedito Mugliett v Avukat Ġenerali, 28 Settembru 2012,, #30; ECHR Benham v UK, 10 Ġunju 1996, #40 u #42; Gatt v Malta, 27 Lulju 2010, #40

[23] ECHR Dec. Adm. Paradis u ohrajn v. Germany, 4 Settembru 2007; Gatt v Malta, ibid.

[24] Ara *footnote* 6

rikorrenti u sabiex isiru l-eżamijiet komparattivi neċessarja. Fir-rikors u fid-digriet li bih intlaqat it-talba ma ġewx speċifikati l-artikoli tal-liġi invokati. B'danakollu ma kienx ikun hemm diffikulta` li kieku r-rikorrenti ma oġġezzjonawx għat-teħid tal-kampjuni iżda meta fis-seduta appuntata appożitament, u ċioe` dik tat-23 ta' Settembru 2010 ir-rikorrenti rrifjutaw li jakkonsentixxu għat-teħid tal-kampjuni l-Maġistrat Inkwirenti ordna l-arrest tagħhom. Hawn ukoll ma ġiex speċifikat l-artikolu tal-liġi li fuqu kien qiegħed iserraħ l-ordni tiegħu tal-arrest.

**37.** Fir-risposta tagħhom l-intimati appellati invokaw l-Artikolu 397 tal-Kodiċi Kriminali applikabbli permezz tal-Artikolu 554 tal-istess Kodiċi. L-Artikolu 397 jikellem dwar is-setgħat tal-Qorti Istruttorja u jipprovdi li:

"**397.** (1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, u kull ħaġ'oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox.

"(2) Il-qorti tista' wkoll, taħt dawk il-kawtieli li jidhrilha meħtieġa sabiex titħares id-deċenza, teżamina jew tordna li tiġi eżaminata minn periti xi parti tal-ġisem tal-imputat jew tal-persuna li fuqha jew li magħha jkun jingħad li sar id-delitt, kemm-il darba l-qorti tkun tal-fehma li minn dak l-eżami tista' toħroġ prova kontra jew favur l-imputat.

"(3) Il-qorti tista' tordna wkoll, fuq talba tal-Pulizija, li l-imputat jiġi iffotografat, meqjus jew li jittieħdu l-istampi ta' subgħajh:

"Iżda, jekk imputat, li qabel ma jkun ġie qatt ikkundannat fuq delitt, jiġi illiberat, il-fotografiji kollha (negattivi u kopji), l-istampi kollha tas-subgħajn, u n-notamenti kollha fuq il-qisien hekk meħuda, għandhom jiġu meqruda jew mogħtija lill-persuna illiberata.

"(4) Il-fotografiji, l-istampi tas-*swaba* u l-qisien imsemmijin fl-aħħar subartikolu qabel dan, jiġu meħuda skont ir-regolamenti li minn żmien għal ieħor jiġu magħmula mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

"(5) Il-qorti tista' wkoll tordna l-arrest tal-imputat li ma jkunx ġa taħt arrest."

**38.** Imbgħad, l-Artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi, għar-rigward tal-Maġistrat Inkwirenti:
"**554.** (1) Il-maġistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed, kif ukoll il-qbid ta' karti, ta' oġġetti u in ġenerali ta' kull ħaġ'oħra, li huwa jkun jidhirlu meħtieġa sabiex tinsab il-verità. Jista' wkoll jordna tfittxija fi djar, f 'bini jew f 'reċinti, għalkemm ikunu ta' ħaddieħor, meta huwa jkun ġabar provi li jġiegħluh jaħseb li xi ħwejjeġ minn dawk imsemmija hawn fuq ikunu jinsabu hemm ġew.
"(2) Il-maġistrat jista' wkoll jordna li persuna indizjata tiġi ffotografata, meqjusa jew li jittieħdu l-istampi ta' subgħajha jew li xi parti ta' ġisimha jew ħwejjiġha jiġu eżaminati minn esperti maħtura minnu għal dan l-iskop:
"Iżda meta l-maġistrat ikun tal-fehma li dawk il-fotografiji (negattivi u kopji), stampi tas-subgħajn, notamenti fuq il-qisien u kull ħaġa oħra meħuda minn fuq il-ġisem jew il-ħwejjeġ kif ingħad ma jkunux aktar meħtieġa għall-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*", huwa għandu jordna d-distruzzjoni tagħhom jew jordna li jingħataw lura lill-persuna li dwarhom jirreferu.
"(3) F'kull proċedura taħt dan it-Titolu l-maġistrat għandu jkollu l-istess setgħat u privileggi ta' maġistrat li jippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja."

**39.** Għalhekk, l-Artikolu 544(1) jawtorizza lill-Maġistrat Inkwirenti jordna l-arrest ta' kull persuna li jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed. Ma jirriżultax li r-rikorrenti kienu persuni li l-Maġistrat Inkwirenti kixef li kienu ħatja. In kwantu kienux persuni li kontra tagħhom nġabru indizji biżżejjed, dak li jirriżulta mill-provi fil-konfront tar-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja u George Degiorgio hu li l-pulizija kienet qed titlob li jittieħdu l-kampjuni tas-*saliva* tagħhom proprju f'tentattiv sabiex jiskopru xi "indizji biżżejjed" li sa dakinhar li saret it-talba lill-Maġistrat kien għad ma kellhomx f'idejhom tant li fir-rikors imsemmi tas-27 ta' Awwissu 2010 fl-atti tal-inkjesta jirriżulta li l-pulizija kienu ddikjaraw li fir-rigward tar-rikorrenti appellanti msemmija "il-pulizija s'issa ma sabitx provi sabiex tixlihom il-Qorti". Il-Qorti hi ben

konsapevoli li l-fatt li l-provi ma jkunux suffiċjenti sabiex persuna tiġi mixlija l-Qorti ma jfissirx li l-istess provi ma jkunux suffiċjenti sabiex jittieħdu miżuri investigattivi extra-ġudizzjarji. B'danakollu, l-unika informazzjoni ulterjuri li jirriżulta li l-pulizija kellha f'idejha hi l-allegazzjoni, li baqgħet allegazzjoni qatt sostanzjata b'xi indizju oġġettiv, li r-rikorrenti George u Alfred Degiorgio huma parti minn ċirku kriminali u l-imħuh wara dawn it-tip ta' reati. Il-Qorti ma hix tal-fehma li dawn kienu jikkostitwixxu "indizji biżżejjed" sabiex tiskatta s-setgħa tal-Maġistrat Inkwirenti taħt l-Artikolu 554(1) imsemmi biex jordna l-arrest tar-rikorrenti appellanti Alfred Degiorgio, Jason Calleja u George Degiorgio.

**40.** Raġġunta din il-konklużjoni anqas kien applikabbli s-subartikolu (2) tal-Artikolu 554 msemmi stante li l-persuni msemmija ma setgħux fid-data li saret it-talba jiġu ritenuti persuni indizjati kif jeħtieg dak is-subartikolu.

**41.** Dwar l-applikabilita` tas-setgħat tal-Maġistrat Istruttur taħt l-Artikolu 397 tal-Kodiċi Kriminali għall-Maġistrat Inkwirenti b'effett tal-Artikolu 554(2) tal-Kodiċi Kriminali dawn ikunu applikabbli, fi kliem l-Artikolu 554(2), "f'kull proċedura taħt dan it-Titolu..." u ċioe` f'kull proċedura taħt it-Titolu dwar l-*In Genere* u għalhekk iridu qabel xejn jirrikorru l-kondizzjonijiet speċjali previsti fl-istess Artikolu 554 jew f'xi artikolu ieħor relevanti taħt l-istess Titolu.

**42.** Għal kull buon fini jiżdied li, safejn is-sottomissjonijiet tal-intimati jistgħu jifthemu li qiegħdin jinvokaw l-Artikolu 355AV tal-Kodiċi Kriminali anki għall-arrest ordnat mill-Magistrat Inkwirenti fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2010 għandu jingħad li l-istess artikolu hu previst mil-liġi li hu applikabbli biss għal teħid ta' kampjuni minn fuq "il-persuna arrestata". Meta saret it-talba lill-Maġistrat Inkwirenti fis-27 ta' Awwissu 2010 u meta ingħata l-ordni ta' arrest fit-23 ta' Settembru 2010, iżda, ma jirriżultax li l-persuni konċernati, fosthom ir-rikorrenti appellanti, kienu taħt arrest u l-Artikolu 355BB espressament jipprovdi li:
"Kampjuni minn persuna li ma tkunx persuna arrestata jistgħu <u>biss</u> jittieħdu bil-kunsens mogħti bil-quddiem u bil-miktub ta' dik il-persuna:

Iżda għat-teħid ta' kampjun intimu, għandha tinkiseb ukoll l-awwtorizzazzjoni ta' Maġistrat wara li jsirlu rikors." (sottolinear tal-qorti)

**43.** Il-Qorti hi għalhekk tal-fehema li l-arrest tar-rikorrenti Alfred Degiogrio, Jason Calleja u George Degiorgio ma kienx wieħed skont il-liġi u li b'daqshekk ġie vjolat l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni fil-konfront tagħhom.

**44.** Il-premess ma japplikax għar-rikorrenti l-ieħor Darren Debono peress li fil-fehma tal-Qorti fir-rigward ta' din il-persuna l-pulizija kienu pprovdew lill-Maġistrat Inkwirenti b'indizji suffiċjenti skont il-liġi, li kienu jmorru oltre dawk provduti fil-konfront tar-rikorrenti appellanti l-oħra, sabiex jordna l-arrest tiegħu.

*2) Arrest tal-14 ta' Ottubru 2010 u fil-jiem ta' qabel*

**45.** L-arrest tar-rikorrenti fil-jiem immedjatament qabel id-data tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 jirriżulta li sar in esekuzzjoni tal-mandati ta' arrest maħruġa mill-Maġistrat Inkwirenti fil-5 ta' Ottubru 2010 a tenur tal-artikoli 355E, 355F, 355G, 355H, 355J, 355P, 355V u 355AG tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-mandat inħareġ fuq talba tal-uffiċjal investigatur magħmula b'rikors tal-istess data li fih ppremetta li kien jeżisti suspett raġonevoli fil-konfront tal-persuni msemmija fir-rikors, fosthom ir-rikorrenti appellanti, li kienu involuti fil-każ mertu tal-inkjesta. L-informazzjoni li fuqha kienet imsejjsa t-talba għall-ħrug tal-mandat kienet l-istess bħal dik miġjuba fir-rikors tas-27 ta' Awwissu 2010 li ġia` ġiet ritenuta minn din il-Qorti insuffiċjenti sabiex tikkostitwixxi "indizji biżżejjed" għall-finijiet ta' arrest taħt l-Artikolu 554(1) tal-Kodiċi Kriminali u tirritenihom ukoll ugwalment insuffiċjenti sabiex tirradika s-suspett raġonevoli postulat mill-pulizija fir-rikors tagħhom imsemmi u fl-Artikolu 355E(1) u fl-artikoli l-oħra tal-Kodiċi Kriminali invokati mill-Maġistrat Inkwirenti fil-ħruġ tal-mandat.[25]

[25] Ara Qorti Kostituzzjonali Joseph Azzopardi v. Kummissarju tal-Pulizija et., 14 ta' Diċembru 1994

**46.** L-intimati jinvokaw ukoll l-Artikolu 355AV tal-Kodiċi Kriminali biex isostnu l-legalita` tal-ordni tal-Maġistrat biex jittieħed il-kampjun ta' *saliva* u tal-arrest tar-rikorrenti appellanti, għajr Darren Debono, f'din l-okkażżjoni. Sabiex it-teħid ta' kampjun, iżda, jkun legal skont l-Artikolu 355AV tal-Kodiċi Kriminali jrid qabel xejn jirriżulta li meta tingħata l-ordni għat-teħid tal-kampjun il-persuni konċernati jkunu persuni arrestati legalment. Dan ma rriżultax. Anzi rriżulta l-kuntrarju.

**47.** Għalhekk anki l-arrest tar-rikorrenti appellanti, għajr dak ta' Darren Debono, ma jirriżultax li kien wieħed skont il-liġi u li għaldaqstant kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni wkoll f'din l-okkażżjoni.

**48.** In kwantu għar-rikorrent appellant Darren Debono peress li fil-fehma tal-Qorti fir-rigward ta' din il-persuna l-pulizija kienu pprovdew lill-Maġistrat Inkwirenti b'indizji suffiċjenti skont il-liġi, li kienu jmorru oltre dawk provduti fil-konfront tar-rikorrenti appellanti l-oħra, sabiex jordna l-arrest tiegħu din il-Qorti hi tal-fehma li l-arest tiegħu kien skont il-liġi u jinkwadra fil-paragrafi ma tirravviża ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) fil-konfront tiegħu

*3) Rigward is-seduta tal-11 ta' Novembru 2010*

**49.** Ma rriżultax li fil-11 ta' Novembru 2010 jew fil-jiem ta' qabel ir-rikorrenti kienu jinsabu taħt arrest u għalhekk ma hemmx aktar x'jiġi eżaminat minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni.

**50.** In vista tal-fatt li l-istess konsiderazzjonijiet sostanzjalment japplikaw għar-rigward tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni il-Qorti, għall-istess raġunijiet mogħtija fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tagħha tal-ilment dwar l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ssib ukoll li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni***

**51.** Ir-rikorrenti lmentaw ukoll li ma ingħatawx ir-raġunijiet tal-arrest tagħhom u dwar kull akkuża kontra tagħhom.

*Prinċipji*

**52.** L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni jinkorpora s-salvagward elementari li persuna li tiġi arrestata għandha tkun taf ir-raġuni għaliex tkun qiegħdha tiġi mċaħħda mil-liberta`. Dan l-artikolu jirrikjedi li persuna tiġi informata b'diskors sempliċi u li jiftiehem bir-raġunijiet legali u fattwali għaliex tkun qiegħdha tiġi arrestata sabiex dik il-persuna titqiegħed fil-pożizzjoni li, jekk tkun trid, tirrikorri għand il-Qorti sabiex tikkontesta il-leġittimita` tal-arrest kif previst fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Waqt li din l-informazzjoni għandha tingħatha minnufih ma hux neċessarju li din tingħatha fl-interezza tagħha mill-uffiċjal li jesegwixxi l-arrest proprju fil-mument tal-arrest. Jekk l-informazzjoni tkunx ingħatat suffiċjentement "minnufih" u jekk il-kontenut tal-informazzjoni kienx ukoll suffiċjenti jiddependi minn każ għal każ skont il-fattispeċi tiegħu[26].

**53.** L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ma jirrikjedix li l-persuna arrestata trid tiġi informata bir-reat kriminali li bih irid neċessarjament ikun suspettat kif donnhom jippretendu r-rikorrenti. Dak li jirrikjedi l-Artikolu 5(2) hu li l-persuna arrestata tiġi informata bir-<u>raġuni</u> li għaliha tkun qed tiġi arrestata. Għalkemm il-lingwaġġ tal-Artikolu 5(2) ċertament għandu konnotazzjonijiet ta' natura penali bir-riferenza fl-istess subartikolu għal "akkuża", dak it-terminu huwa hemm użat mhux għaliex il-persuna arrestata trid neċessarjament tkun suspettata ta' reat kriminali iżda għaliex dik hi waħda mir-raġunijiet, fost oħrajn, mhux neċessarjament ta' natura penali, li dik id-dispożizzjoni speċifikatament tindirizza[27].

**54.** Di fatti, fost id-diversi raġunijiet li għalihom persuna tista' leġittimament tiġi arrestata skont l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, hemm il-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi

---

[26] ECHR: Fox, Campbell and Hartley v UK, 30 Awwissu 1990, #40; Murray v UK, 28 Ottubru 1994, #72. H.B. v Switzerland, 5 April 2001, #47

[27] ECHR: Van der Leer v The Netherlands, 21 Frar 1990, #27.

obbligu preskritt mil-liġi[28], id-detenzjoni ta’ minuri b’ordni skont il-liġi għall-iskop ta’ sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorita` kompetenti[29], jew id-detenzjoni ta’ persuna biex jiġi evitat it-tixrid ta’ mard infettiv, jew, fost oħrajn, ta’ persuni mhux f’sensihom, jew addetti għall-alkoħoll jew vagabondi[30]. Dawn ir-raġunijiet ma jikkomportawx neċessarjament arrest jew detenzjoni ta’ persuna suspettata ta’ reat kriminali u għalhekk hu biżżejjed li lill-persuna interessata jingħataw dawk ir-raġunijiet li jqegħduha f’pożizzjoni li, kif ingħad, tkun tista’ tikkontesta il-leġittimita` tal-arrest tagħha.

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

**55.** Wara eżami akkurat tal-provi prodotti il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hi tal-fehema li r-rikorrenti appellanti fil-mument stess tal-arrest tagħhom kienu ġew informati bir-raġunijet tal-arrest tagħhom. Setgħu dawk ir-raġunijiet ma kienux suffiċjenti biex jirrendu l-arrest wieħed leġittimu iżda l-iskop kollu tal-Artikolu 5(2) huwa proprju dak u ċioe` sabiex l-persuna arrestata titqiegħed f’pożizzjoni li tkun tista’ tikkontesta l-arrest. L-ordni tal-arrest ġiet emessa mill-Maġistrat Inkwirenti fil-preżenza tar-rikorrenti appellanti li għalhekk kienu dak il-ħin informati mill-istess Maġistrat li kien qiegħed jarrestahom minħabba r-rifjut tagħhom li jissottomettu ruħhom għall-ordni tiegħu sabiex jittieħed minn għandhom kampjun tas-*saliva*. Kienu informati wkoll, permezz tat-taħrika li rċevew, li dan kien qiegħed jiġi ordnat fil-kuntest ta’ inkjesta f’*holdup* fuq *cash van* li kienet ġrat f’Awwissu 2006 f’Hal Qormi. Għalhekk il-Qorti hi sodisfatta li kull meta ġew arrestati r-rikorrenti appellanti kienu infurmati bir-raġunijiet legali u fattwali tal-arrest tagħhom u setgħu faċilment jiddeduċu bi preċiżjoni għaliex kienu qiegħdin jiġu arrestati.

**56.** Għar-raġunijiet premessi l-Qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni.

---

[28] Art. 5(1)(b)
[29] Art. 5(1)(d)
[30] Art. 5(1)(e)

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjon***

**57.** In vista tal-fatt li l-fatti li fuqhom ir-rikorrenti jserrħu dan l-ilment huma l-istess bħal dawk li fuqhom jistrieħ l-iment tagħhom ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li tagħhom din il-Qorti rravviżat vjolazzjoni u l-uniku aggravju sollevat fir-rikors tal-appell fir-rigward ta' dan l-ilment jikkonsisti fin-nuqqas ta' legalita` tal-għemil li minnhom jilmentaw, din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ilment ma jissolleva ebda kwistjoni ġdida li ma ġietx ġia` indirizzata fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 5 tal-Konvezjoni u 34 tal-Kostituzzjoni u għalhekk, bħall-ewwel Qorti, ma tarax li hemm ħtieġa li din il-Qorti tindirizza wkoll dan l-ilment.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

**58.** Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn vjolazzjoni tad-dritt tagħhom għas-silenzju u dak tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif sanċit bl-Artikolu 6(1)(2) tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 6 imsemmi jirrikjedi li jkun hemm proċedimenti intiżi sabiex tiġi deċiża xi akkuża kriminali. Mill-fattispeċi ta' dan il-każ ma jirriżultax li meta saret it-talba lill-Maġistrat Inkwirenti għat-teħid tal-kampjuni ta' *saliva* kien hemm tali proċedimenti. Inoltre, in kwantu li t-talba tar-rikorrenti tista' tiftiehem bħala talba magħmula għaliex x'aktarx kien ser ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu msemmi din il-Qorti ma tirraviżax fil-fattispeċi ta' dan il-każ il-grad neċessarju ta' probabilita` li dak antiċipat mir-rikorrenti kien ser iseħħ[31] tenut kont tal-fatt li l-pulizija fir-rikors tagħhom lill-Maġistrat Inkwirenti kienu stqarrew li "il-pulizija s'issa ma sabitx provi sabiex tixlihom il-Qorti".

**59.** Inoltre, anki kieku kienu jirriżultaw xi proċedimenti intiżi għad-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali kontra r-rikorrenti, id-dritt tas-silenzju reklamat mir-rikorrenti ma jestendix għall-użu fi proċedimenti kriminali ta' materjal li jista' jittieħed mill-akkużat bl-użu ta' mezzi obbligatorji li iżda jkollu eżistenza indipendentement mill-volonta` tal-

[31] Q. Kost. Joseph Picco v Avukat Ġenerali, 10 Diċembru 1991; Pulizija v Lawrence Cuschieri, 8 Jannar 1992.

persuna suspettata bħal ma hu l-każ ta' kampjuni ta' *saliva* għall-fini ta' testijiet għal DNA[32].

**60.** Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti anqas tara kif il-fattispeċi ta' dan il-każ jistgħu jagħtu lok għal ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u għal xi sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jew 39(5) tal-Kostituzzjoni.

**61.** Bħala rimedju l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatt tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti nżammu detenuti kontra l-liġi. Dak li jirriżulta hu li r-rikorrent Jason Calleja u r-rikorrent George Degiorgio għamlu perjodu ta' jumejn arrestati qabel tressqu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-14 ta' Ottubru 2010 apparti perjodi qosra oħra sakemm il-Maġisrat Inkwirenti seta' jirregla t-teħid tal-kampjuni. Ir-rikorrenti Alfred Degiorgio jirriżulta li għamel perjodi qosra taħt arrest suffiċjenti sakemm il-Qorti tirregola t-teħid tal-kampjuni ta' *saliva* u ġie kull darba rilaxxjat ftit wara.

**62.** Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti qed tillikwida s-somma ta' mitt euro bħala kumpens lir-rikorrenti Jason Calleja u George Degiorgio għall-vjolazzjoni riskontrata fil-konfront tagħhom waqt li għar-rigward tar-rikorrenti l-ieħor Alfred Degiorgio s-sejbien ta' vjolazzjoni fil-konfront tiegħu hija rimedju biżżejjed fir-rigward tiegħu.

**DECIDE**

Għall-motivi premessi din il-Qorti qegħdha tirriforma s-sentenza appellata fil-konfront tar-rikorrenti appellanti Alfred Degiorgio, Jason Calleja u George Degiorgio billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx fil-konfront tal-istess rikorrenti appellanti vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u minflok tiddikjara li fil-konfront tagħhom kien hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 5(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni, tillikwida bħala kumpens favur ir-rikorrenti Jason Calleja u George Degiorgio s-somma ta' mitt euro (€100) kull wieħed filwaqt li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni hi rimedju biżżejjed fil-

[32] ECHR Saunders v UK, 17 Diċembru 1996, #69

konfront tar-rikorrent Alfred Degiorgio u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------